IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.4.2014
SWD(2014) 138 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat

{COM(2014) 221 final}
{SWD(2014) 137 final}

MT MT

WERREJ

1. Sfond ... 3
2. Definizzjoni tal-problema ... 4
2.1. Governanza – il-problema li teħtieġ azzjoni ... 5
3. Id-dritt tal-UE li taġixxi u sussidjarjetà ... 6
4. Għanijiet ... 7
4.1. Għanijiet ġenerali ... 7
4.2. Għanijiet speċifiċi ... 7
4.3. Għanijiet operattivi ... 7
5. Għażliet politiċi ... 7
6. Analiżi tal-impatti ... 8
6.1. Għażla 1: L-ebda azzjoni ġdida ... 8
6.2. Għażla 2: Koordinazzjoni aħjar tal-gruppi ta' ħidma/kumitati differenti li jeżistu fil-livell tal-UE ... 8
6.3. Għażla 3: Korp individwali bi sħubija volontarja ... 9
6.4. Għażla 4: Korp individwali bi sħubija obbligatorja ... 9
6.5. Għażla 5: L-integrazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat fil-Eurofound 9
7. Tqabbil tal-għażliet ... 9
8. Monitoraġġ u valutazzjoni ... 10

1. SFOND

It-tħassib dwar il-livelli għoljin ta' xogħol mhux iddikjarat huwa għoli fuq l-aġenda politika tal-UE, speċjalment fir-rigward tal-ħolqien tax-xogħol, il-kwalità tal-impjiegi u l-konsolidazzjoni fiskali.

L-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv tistabbilixxi l-mira li sal-2020, 75% ta' dawk bejn l-20-64 sena jkollhom impjieg[1]. Sabiex jiġi katalizzat il-progress lejn il-mira, il-Kummissjoni adottat l-Inizjattiva Ewlenija "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi"[2], li enfasizzat il-ħtieġa għal ċaqlieq minn xogħol informali jew mhux iddikjarat għal impjieg regolari.

Fil-Pakkett dwar l-Impjiegi[3], adottat f'April 2012, il-Kummissjoni kompliet tenfasizza li t-trasformazzjoni ta' xogħol informali jew mhux iddikjarat f'impjieg regolari jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-produttività, l-istandards tax-xogħol u, fit-tul, l-iżvilupp tal-ħiliet. Enfasizzat il-ħtieġa għal titjib fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u ħabbret it-tnedija ta' konsultazzjonijiet dwar it-twaqqif ta' pjattaforma fil-livell tal-UE bejn l-ispettorati tax-xogħol u korpi oħra tal-infurzar fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, maħsuba biex ittejjeb il-kooperazzjoni, il-qsim tal-aħjar prattiki u l-identifikar ta' prinċipji komuni għall-ispezzjonijiet.

Fl-2012 u l-2013, diversi Stati Membri rċevew Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija klandestina, l-evażjoni tat-taxxa u/jew il-konformità fiskali.

Fil-Linja Gwida dwar l-Impjiegi[4] Nru 7 dwar "Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol, it-tnaqqis tal-qgħad strutturali u l-promozzjoni tal-kwalità tax-xogħol", l-Istati Membri huma mħeġġa jżidu d-djalogu soċjali u jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri li jindirizzaw l-impjiegi prekarji, ir-rata baxxa ta' impjiegi u x-xogħol mhux iddikjarat.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013[5] jgħid li flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi l-imsieħba soċjali għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat sabiex iħejju għal irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi. Fil-kuntest tal-indirizzar tal-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, l-Istħarriġ Annwali dwar it-

---

[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv", COM (2010)2020 tat-3 ta' Marzu 2010
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:2020:FIN:EN:PDF

[2] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi" COM 2010(682) tat-23 ta' Novembru 2010
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52010DC0682:EN:NOT

[3] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi", COM(2012) 173 finali tat-18 ta' April 2012
http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=101&newsId=1270&furtherNews=yes

[4] 2010/707/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32010D0707:EN:NOT

[5] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013" COM (2012)750 tat-28 ta' Novembru 2012 http://ec.europa.eu/europe2020/making-it-happen/annual-growth-surveys/index_en.htm

Tkabbir 2014[6], jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat.

2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-2007[7], ix-xogħol mhux iddikjarat huwa definit bħala "kwalunkwe attività mħallsa li hija legali fin-natura tagħha imma mhux iddikjarata lill-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fis-sistema regolatorja tal-Istati Membri".

Ix-xogħol mhux iddikjarat huwa influwenzat minn firxa wiesgħa ta' fatturi ekonomiċi, soċjali, istituzzjonali u kulturali. Huwa meqjus bħala responsabbli għall-ostakolar ta' politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali orjentati lejn it-tkabbir, u b'mod partikolari għat-tnaqqis fil-kwalità tax-xogħol, li jpoġġi f'riskju s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jimmina l-ambjent kompetittiv għan-negozji[8].

Il-fatt li x-xogħol mhux iddikjarat ma jiġix osservat jew irreġistrat, u huwa definit b'mod differenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jagħmilha diffiċli biex jinkisbu stimi affidabbli tal-firxa tiegħu fl-Istati Membri. Ġew użati metodi differenti biex jittrattaw u jkejlu x-xogħol mhux iddikjarat (li huma spjegati fid-dettall fl-Anness II).

Ġeneralment jistgħu jiġu definiti tliet tipi ta' xogħol mhux iddikjarat. L-ewwel kategorija hija dik ta' xogħol mhux iddikjarat f'intrapriża formali, li tinkludi l-hekk imsejjaħ "xogħol mhux iddikjarat" fil-forma ta' "ħlas fl-idejn" (fejn parti biss mis-salarju titħallas uffiċjalment, filwaqt li l-bqija tingħata lill-impjegat f'envelop) u sitwazzjonijiet fejn l-impjegat jiġi ddikjarat li jaħdem part-time, imma fir-realtà jaħdem full-time. It-tieni nett, jeżisti xogħol awtonomu jew indipendenti li ma jiġix dikjarat, li jipprovdi servizzi jew lil intrapriża formali jew lil klijenti oħrajn, bħall-familji. It-tielet tip ta' xogħol mhux iddikjarat huwa l-provvediment ta' oġġetti u servizzi lil ġirien, lil tal-familja, lil ħbieb jew konoxxenzi, li jista' jinvolvi xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' tiswija, tindif, l-indukrar tat-tfal jew kura għall-anzjani, xi kultant ipprovdut bħala tip ta' għajnuna reċiproka. Din it-tielet kategorija mhijiex fil-qalba ta' din l-inizjattiva.

L-abbuż tal-istatus ta' impjieg indipendenti, kemm fil-livell nazzjonali jew f'sitwazzjonijiet transkonfinali, ħafna drabi huwa assoċjat ma' xogħol mhux iddikjarat. Xogħol indipendenti fittizju jseħħ meta persuna tiġi dikjarata bħala impjegata għal rasha minflok impjegata, sabiex jiġu evitati ċerti obbligi li jirriżultaw minn liġijiet u prattiċi applikabbli għall-impjegati, bħar-regolamenti tax-xogħol u l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Jista' jiġi argumentat li x-xogħol indipendenti fittizju huwa attività ddikjarata ħażin u bħala tali ma jistax jitqies bħala xogħol mhux iddikjarat. Madankollu, l-impjieg indipendenti fittizju

---

6 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014" COM(2013)800 http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/2014/ags2014_mt.pdf
Ara wkoll L-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014 http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/2014/jer2014_mt.pdf

7 "L-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat" COM(2007)628, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52007DC0628:MT:HTML

8 Regioplan, 2010

jista' jkollu konsegwenzi negattivi, f'termini ta' kopertura tas-saħħa u sigurtà u tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema kkonċernati, kif ukoll fuq id-dħul fiskali, għalkemm normalment jagħmel anqas ħsara mix-xogħol mhux iddikjarat.

Ħafna drabi t-tkabbir tal-ekonomija informali huwa meqjus bħala reazzjoni għall-imperfezzjonijiet fis-suq tax-xogħol formali[9]. Iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal dawn l-imperfezzjonijiet jistgħu jkunu l-kost lavorattiv għoli, in-nuqqas ta' xogħol (il-kwantità u l-kwalità), in-nuqqas ta' impjiegi jew l-inflessibbiltà tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, meta wieħed iħares lejn il-kawżi tax-xogħol mhux iddikjarat, il-grad ta' fiduċja li n-nies ikollhom fil-gvern u fl-aġenziji governattivi u l-grad ta' inklużjoni li n-nies jesperjenzaw fis-soċjetà, huwa ta' importanza kbira. Meta jkun hemm identifikazzjoni żgħira ħafna mal-gvern jew mas-soċjetà b'mod ġenerali, in-nies jaġixxu b'mod aktar faċli kontra r-regoli komuni[10]. Fatturi influwenti oħra huma t-trasparenza tal-leġiżlazzjoni u l-infurzar tagħha. Jekk il-mekkaniżmi ta' kontroll ma jkunux ċari, ineffiċjenti jew assenti, in-nies ikunu aktar suxxettibbli li jevadu t-taxxi billi jwettqu xogħol mhux iddikjarat.

Ħafna drabi l-konsegwenzi tax-xogħol mhux iddikjarat huma kundizzjonijiet agħar tax-xogħol. Id-drittijiet tax-xogħol, bħall-obbligi tal-leave annwali u l-ħin tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà ma jiġux rispettati. Il-ħtiġijiet tat-taħriġ tal-ħaddiema li jagħmlu xogħol mhux iddikjarat ma jiġux ikkunsidrati. Dawn ikollhom inqas sigurtà fl-impjieg, jista' ma jkollhomx id-dritt għall-pagamenti tas-sensji u benefiċċji tal-qgħad, kif ukoll għal benefiċċji oħra minħabba l-fatt li ħaddieħor ma jkunx ħallsilhom jew huma stess ma jkunux ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, peress li ma jkunu tħallsu l-ebda kontribuzzjoni tal-pensjoni, id-drittijiet tal-pensjoni tagħhom jonqsu. Minħabba l-fatt li ma jkollhomx dħul leġittimu, l-aċċess tagħhom għal self jista' jkun limitat.

Dawk li jħaddmu li ma jiddikjarawx ix-xogħol li jsir mill-ħaddiema tagħhom jkunu qed joħolqu kompetizzjoni inġusta kontra l-kumpaniji li jirrispettaw ir-regoli. Din id-distorsjoni jista' wkoll ikollha dimensjoni transkonfinali f'każijiet fejn f'pajjiż wieħed ix-xogħol mhux iddikjarat jiġi miġġieled sistematikament, filwaqt li f'pajjiż ġar l-awtoritajiet pubbliċi ma jagħtux prijorità lil din il-problema. Dawn il-konsegwenzi negattivi mhux biss jinġarru mill-kompetituri u l-impjegati, potenzjalment anki din l-intrapriża tista' - fit-tul - tiġi ffaċċjata bi żvantaġġi. Il-kapaċità tagħha li jkollhom aċċess għal kreditu, li huwa meħtieġ biex in-negozju jkompli jiġi żviluppat, tista' tkun aktar limitata.

2.1. Governanza – il-problema li teħtieġ azzjoni

Ir-responsabbiltà prinċipali biex ix-xogħol mhux iddikjarat jiġi indirizzat hija tal-Istati Membri. Madankollu, l-azzjoni fil-livell tal-UE jista' jkollha rwol komplementari u tgħin lill-Istati Membri billi tindirizza l-aspetti li ġejjin:

(1) Kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-awtoritajiet tal-infurzar ta' Stati Membri differenti fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tax-xogħol mhux iddikjarat.

[9] Ix-xogħol mhux iddikjarat fl-Ewropa: Lejn approċċ integrat għall-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, Regioplan 2001 http://www.lex.unict.it/eurolabor/ricerca/dossier/dossier7/cap6/mateman_renooy2001.pdf

[10] Regioplan 2001

Il-ħlieda kontra x-xogħol mhux dikjarat tiddependi l-aktar fuq tliet tipi ta' korpi ta' infurzar: (a) l-ispettorati tax-xogħol biex jindirizzaw imġieba abbużiva fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u/jew in-normi tas-saħħa u s-sigurtà, (b) l-ispettorati tas-sigurtà soċjali li jiġġieldu l-frodi dwar kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali, u c) l-awtoritajiet fiskali biex jittrattaw l-evażjoni fiskali. F'xi każijiet, l-imsieħba soċjali[11] huma involuti wkoll f'dan ix-xogħol. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, huma involuti l-awtoritajiet doganali, il-korpi tal-migrazzjoni, il-pulizija u l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku (Ara l-Anness III). F'xi każijiet inħolqu awtoritajiet ġodda, aġenziji inter-ministerjali, gruppi nazzjonali ta' tmexxija u kumitati tripartitiċi[12].

L-Istati Membri ma jużawx biżżejjed l-esperjenza miġbura fi Stati Membri oħra. Ma jitgħallmux minn xulxin kif jevitaw jew kif inaqqsu x-xogħol mhux iddikjarat.

(2) Diffikultajiet biex tiġi indirizzata d-dimensjoni internazzjonali (transkonfinali) tax-xogħol mhux iddikjarat.

Il-mobilità tal-ħaddiema fl-Istati Membri tikkostitwixxi libertà fundamentali fl-Unjoni. Hemm bosta inizjattivi għaddejjin biex jappoġġjaw l-eżerċitar ta' dan id-dritt. L-użu ta' sitwazzjonijiet transkonfinali biex jinħeba x-xogħol mhux iddikjarat, jhedded li jiskredita dan id-dritt fundamentali. L-identifikazzjoni tal-istatus okkupazzjonali ta' persuna minn Stat Membru ieħor, il-verifika tad-drittijiet u l-obbligi applikabbli għal dak il-ħaddiem, huwa kompitu diffiċli ħafna għall-awtoritajiet. Sabiex jinkixef ix-xogħol mhux iddikjarat f'sitwazzjonijiet transkonfinali, hemm ħtieġa akbar għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

3. Id-dritt tal-UE li taġixxi u sussidjarjetà

Il-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tax-xogħol mhux iddikjarat jikkontribwixxu għal infurzar aħjar tal-liġi nazzjonali u tal-UE, speċjalment fl-oqsma tal-impjiegi, il-liġi tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat relatat mal-mobilità transkonfinali hija essenzjali sabiex tinżamm il-kredibilità tad-dritt fundamentali għall-moviment liberu.

Dan għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' impjiegi formali, jżid il-kwalità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u jgħin sabiex tiżdied l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali globali. L-UE għandha d-dritt li taġixxi fil-qasam tax-xogħol mhux iddikjarat abbażi tal-artikoli dwar il-Politika Soċjali fit-TFUE.

B'mod partikolari l-Artikolu 153 jippermetti l-adozzjoni ta' inizjattiva tal-UE li l-għan ewlieni tagħha huwa l-promozzjoni tal-impjiegi u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol billi tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tax-xogħol mhux iddikjarat. Dan se jippermetti kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki, l-iżvilupp tal-għarfien

---

[11] Fil-Ġermanja, ftehim bejn il-Ministeru Federali tal-Finanzi u l-imsieħba soċjali fil-kostruzzjoni, il-bajjada u s-setturi tas-servizzi industrijali tat-tessuti, fil-Bulgarija t-twaqqif taċ-ċentru nazzjonali għar-"Regoli tan-negozju" u fil-Lussemburgu l-introduzzjoni ta' karta tal-identità għal kull ħaddiem fis-sit ta' kostruzzjoni.

[12] L-Aġenzija Nazzjonali dwar id-Drittijiet tax-Xogħol (NERA) fl-Irlanda, L-Ispettorat SZW (riorganizzat fl-2012) fil-Pajjiżi l-Baxxi, Informazzjoni Soċjali u Servizz ta' Investigazzjoni fil-Belġju, L-Unità Inter-amministrattiva għall-ġlieda kontra x-xogħol illegali (CIALTI) fil-Lussemburgu, Id-Delegazzjoni Inter-ministerjali għall-ġlieda kontra x-xogħol illegali DLNF fi Franza. ILO/LABADMIN, 2013

espert u aktar koordinazzjoni operattiva ta' azzjonijiet li jinvolvu l-awtoritajiet tal-infurzar li jkopru l-pilastri kollha tax-xogħol mhux iddikjarat, b'mod partikolari: ix-xogħol, dak li hu soċjali u t-taxxa.

Il-kompetenzi tal-UE jinsabu fl-indirizzar tal-aspetti transkonfinali tad-distorsjoni u d-destabbilizzazzjoni marbuta ma' livelli għoljin ta' xogħol mhux iddikjarat, il-benefiċċji tat-tagħlim reċiproku u l-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn il-fruntieri għall-ġlieda kontra ċerti forom ta' xogħol mhux iddikjarat.

L-isfidi biex jiġi ndirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat, bħal-kxif tax-xogħol mhux iddikjarat u n-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti tal-infurzar, huma komuni għall-Istati Membri kollha. Azzjoni fil-livell tal-UE għandha l-potenzjal li ttejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tal-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat. L-UE tista' tappoġġja l-iskambju tal-aħjar prattiki kif ukoll il-koordinazzjoni aktar avvanzata ta' azzjonijiet.

L-azzjoni tal-UE għandha tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri billi ttejjeb il-kooperazzjoni fl-iskoraġġiment u l-prevenzjoni tax-xogħol mhux iddikjarat fil-livell tal-UE, sabiex tagħmilha aktar effettiva u effiċjenti u b'hekk żżid il-valur lill-azzjonijiet tal-Istati Membri.

4. GĦANIJIET

4.1. Għanijiet ġenerali

<u>L-għan politiku ġenerali</u> huwa li l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tax-xogħol mhux iddikjarat.

4.2. Għanijiet speċifiċi

Fi ħdan dan il-qafas ġenerali, <u>l-għanijiet speċifiċi</u> ta' din l-inizjattiva huma:

(1) Li ttejjeb il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti tal-infurzar tal-Istati Membri fil-livell tal-UE fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tax-xogħol mhux iddikjarat b'mod aktar effiċjenti u effettiv.

(2) Li ttejjeb il-kapaċità teknika tal-awtoritajiet differenti tal-infurzar tal-Istati Membri li jittrattaw l-aspetti transkonfinali tax-xogħol mhux iddikjarat.

(3) Li żżid l-għarfien tal-Istati Membri tal-urġenza tal-problema u biex l-Istati Membri jiġu nkoraġġiti jżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat.

4.3. Għanijiet operattivi

Fil-livell <u>operattiv l-inizjattiva</u> għandha l-għanijiet li ġejjin:

(1) Li tipprovdi forum għall-esperti ta' Stati Membri differenti biex jagħmlu kuntatti, jaqsmu l-informazzjoni u l-aħjar prattiki. Ir-riżultati li l-forum se jaħdem biex jikseb jistgħu jkunu: il-ħolqien ta' "ban tal-għarfien" ta' prattiki differenti użat sabiex ikun prevenut u/jew igerrex ix-xogħol mhux iddikjarat. l-iżvilupp ta' linji gwida għall-ispetturi jew ta' gwidi ta' prattika tajba eż. dwar kif l-ispezzjonijiet għandhom jitmexxew sabiex jinkixef ix-xogħol mhux iddikjarat; l-adozzjoni ta' prinċipji komuni u/jew ta' standards għall-ispezzjonijiet.

(2) Li tipprovdi qafas biex tiġi żviluppata l-kompetenza bil-għan possibbli li jiġi adottat qafas komuni u t-twettiq ta' taħriġ konġunt; it-twaqqif ta' faċilità ta' riċerka għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-miżuri politiċi differenti identifikati fil-"bank ta' għarfien".

(3) Li tiżviluppa mekkaniżmu għal koordinazzjoni aktar operattiva ta' azzjonijiet. L-iffunzjonar tal-mekkaniżmu jista' jwassal għall-identifikar ta' soluzzjonijiet għall-qsim tad-dejta. l-adozzjoni ta' strateġiji reġjonali jew madwar l-UE; l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni madwar l-UE; l-organizzazzjoni ta' evalwazzjonijiet ta' pari li jsegwu l-progress tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat u l-qbil dwar qafas komuni għal operazzjonijiet konġunti għall-ispezzjonijiet u l-iskambju tal-persunal.

5. GĦAŻLIET POLITIĊI

Matul il-Valutazzjoni tal-Impatt ġew analizzati ħames għażliet politiċi:

Għażla politika 1: L-ebda azzjoni ġdida. L-ebda azzjoni m'hi se tittieħed lil hinn mill-gruppi ta' ħidma u l-inizjattivi eżistenti.

Għażla politika 2: Koordinazzjoni aħjar tal-ħidma tal-gruppi ta' ħidma/kumitati differenti li jeżistu fil-livell tal-UE. Diversi gruppi fil-livell tal-UE jiddiskutu suġġetti marbuta max-xogħol mhux iddikjarat. Id-DĠ EMPL għandu jinnomina koordinatur għad-diskussjoni u l-attivitajiet tal-gruppi differenti fir-rigward tax-xogħol mhux iddikjarat.

Għażla politika 3: Pjattaforma Ewropea bħala korp individwali bi sħubija volontarja. Il-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma li hi magħmula minn rappreżentanti tal-korpi tal-infurzar tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra, bħall-imsieħba soċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jipparteċipawx jew le fil-pjattaforma.

Għażla politika 4: Pjattaforma Ewropea bħala korp individwali bi sħubija obbligatorja. Il-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma li tinkludi rappreżentanti tal-korpi tal-infurzar tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra, bħall-imsieħba soċjali. L-Istati Membri jkunu awtomatikament membri tal-pjattaforma.

Għażla politika 5: Il-pjattaforma tiġi marbuta ma' korp eżistenti. Mod possibbli 'l quddiem jista' jkun li l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (EURFOUND) f'Dublin tiġi fdata b'dan il-kompitu.

Ġew studjati għażliet oħra bħall-ħolqien ta' aġenzija deċentralizzata ġdida responsabbli għall-infurzar tal-liġi tal-UE u l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, iżda twarrbu bħala mhux realistiċi f'dan il-punt fiż-żmien.

6. ANALIŻI TAL-IMPATTI

L-inizjattiva inkwistjoni tirrigwarda kwistjonijiet ta' governanza. Governanza globali tajba hija mistennija jkollha impatt fuq is-sitwazzjoni soċjali u l-prestazzjoni ekonomika. Madankollu, il-katina tal-inċidenza mit-twaqqif ta' pjattaforma kontra x-xogħol mhux iddikjarat għal tnaqqis fix-xogħol mhux iddikjarat hija pjuttost twila. Kien impossibbli li tiġi stabbilita rabta diretta biżżejjed bejn il-funzjonament ta' pjattaforma, it-tnaqqis tax-xogħol mhux iddikjarat u l-prestazzjoni ekonomika jew il-benesseri soċjali. Id-diffikultà biex jittieħed kejl tax-xogħol mhux iddikjarat tagħmel

dan partikularment diffiċli. Għalhekk, l-analiżi tillimita ruħha għall-kwistjoni li tirrigwarda sa liema punt l-għażliet differenti jiksbu l-għanijiet speċifiċi. Barra minn hekk, ġew deskritti l-ispejjeż direttament marbuta mal-istabbiliment ta' pjattaforma bħal din. Peress li l-għanijiet kienu definiti b'tali mod li jappoġġjaw il-benesseri soċjo-ekonomiku, mil-lat soċjo-ekonomiku l-aqwa alternattiva hija meqjusa bħala dik li tikseb l-għanijiet bl-aktar mod effettiv u ekonomiku.

6.1. Għażla 1: L-ebda azzjoni ġdida

Iż-żamma tal-istatus quo tissuġġerixxi li għalkemm il-Kummissjoni identifikat il-gravità tal-problema, fir-realtà ma tintervjenix dwar is-suġġett, li tista' titqies bħala ugwali għal nuqqas ta' serjetà biex il-fenomenu jiġi indirizzat.

6.2. Għażla 2: Koordinazzjoni aħjar tal-gruppi ta' ħidma/kumitati differenti li jeżistu fil-livell tal-UE

B'mod ġenerali huwa mistenni li l-impatt ikun limitat ħafna. Il-problemi relatati mal-viżibilità u l-eżitazzjoni biex tingħata prijorità jistgħu sa ċertu punt jiġu indirizzati minħabba l-appoġġ politiku ta' livell għoli. L-għanijiet ta' tagħlim u koordinazzjoni interdixxiplinari u transkonfinali bilkemm se jinkisbu. Se jkun diffiċli ħafna li tinkiseb stampa olistika tal-problema.

6.3. Għażla 3: Korp individwali bi sħubija volontarja

It-titjib marbut ma' din l-għażla jiddependi ħafna fuq il-kwistjoni tal-ammont ta' Stati Membri li jiddeċiedu li jipparteċipaw f'dan il-grupp. Qabel ma jiġi stabbilit il-grupp għandu jkun żgurat li l-maġġoranza wiesgħa tal-Istati Membri (jekk mhux kollha) tipparteċipa. Peress li waqt id-diskussjonijiet l-Istati Membri esprimew preferenza għal din l-għażla u huma obbligati juru attività kontra x-xogħol mhux iddikjarat, huwa realistiku li wieħed jassumi li anki fi grupp volontarju l-parteċipazzjoni se tkun waħda għolja. Madankollu, għad hemm l-inċertezza dwar jekk l-Istati Membri kollha humiex se jipparteċipaw jew le, u għalhekk tippreżenta nuqqas prinċipali ta' din l-għażla. Jekk - f'xenarju pożittiv ħafna – l-Istati Membri kollha jipparteċipaw, hemm differenza waħda biss meta mqabbla ma' sħubija obbligatorja: l-Istati Membri jkunu ddeċidew li jipparteċipaw b'mod volontarju, jiġifieri jkunu taw l-impenn tagħhom.

6.4. Għażla 4: Korp individwali bi sħubija obbligatorja

Is-saħħa ta' din l-għażla tinsab fil-fatt li l-Istati Membri jiġu nklużi mill-bidu. Peress li ma tinvolvix deċiżjoni dwar sħubija jew le, xi Stati Membri jistgħu jkunu inqas impenjati biex jinvolvu ruħhom f'koordinazzjoni aktar operattiva tal-azzjonijiet jew biex jiżviluppaw kompetenza. Jistgħu jkunu jixtiequ jillimitaw il-kooperazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki mingħajr ma jipproċedu għal kooperazzjoni transkonfinali sostanzjali.

6.5. Għażla 5: L-integrazzjoni tal-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat fil-Eurofound

Peress li l-kompiti tal-Eurofound huma limitati għar-riċerka u l-iżvilupp ta' proġetti li jipprovdu għarfien u appoġġ għall-politiki tal-UE, jista' jkun mistenni li dan jista' jsir il-limitu għall-attivitajiet tal-Pjattaforma. L-attivitajiet tagħha kieku jkunu prinċipalment relatati mal-iskambju tal-aħjar prattiki u ta' informazzjoni u l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-kompetenza.

7. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

It-tqabbil sar abbażi tal-analiżi tal-impatti fil-Kapitolu 6. Skont dan filwaqt li l-Għażla 1 hija l-linja bażi, li jfisser li m'hemm l-ebda bidliet sinifikanti introdotti, l-għażliet 2 u 5 iwasslu għal xi titjib, iżda limitat ħafna, bi spiża baxxa ħafna.

L-Għażliet 3 u 4 jiġġeneraw kważi l-istess spejjeż (l-ispejjeż għall-Għażla 3 kienu kkalkulati bl-assunzjoni li l-Istati Membri kollha jieħdu sehem fil-Pjattaforma): l-ispejjeż annwali għall-persunal tal-Kummissjoni, l-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Pjattaforma u l-laqgħat ma jaqbżux l-EUR 600 000 u l-ispejjeż operattivi annwali relatati mal-kompiti differenti mwettqa mill-Pjattaforma ma jaqbżux l-EUR 2,1 miljun. Barra minn hekk, l-effikaċja tal-għażliet 3 u 4 se jkunu simili jekk wieħed jassumi li l-Istati Membri jipparteċipaw fil-kooperazzjoni volontarja prevista bl-Għażla 3.

Għalhekk, il-vantaġġ ċar tal-għażla 4 meta mqabbla mal-għażla 3 hija li s-suċċess tal-pjattaforma volontarja jiddependi ħafna fuq ir-rieda tal-Istati Membri li jissieħbu. Għalhekk, hemm element addizzjonali ta' inċertezza meta mqabbla mal-għażla 4. Il-vantaġġ ċar tal-għażla 4 meta mqabbla mal-għażla 3 huwa l-parteċipazzjoni obbligatorja. Hija meqjusa bħala element neċessarju tal-Pjattaforma, minħabba li l-koperazzjoni biex jiġu ndirizzati l-aspetti transkonfinali tax-xogħol mhux iddikjarat, li hija waħda mill-għanijiet essenzjali tal-inizjattiva, ma tistax tintlaħaq kompletament jekk xi Stati Membri jkunu ġewwa u oħrajn barra.

Għalhekk l-Għażla 4 hija meqjusa bħala l-aktar waħda preferita. Tista' tiġi realizzata bl-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 153 (2) (a) tat-TFUE.

8. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-ħidma tal-Pjattaforma. Dawn ir-rapporti għandhom jagħtu informazzjoni dwar il-programmi dettaljati ta' ħidma tal-Pjattaforma, ir-riżultati u l-frekwenza tal-laqgħat.

Id-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Pjattaforma se tiġi vvalutata erba' snin wara li tkun daħlet fis-seħħ. Il-valutazzjoni għandha, abbażi tar-rappurtar regolari flimkien ma' riċerka ulterjuri, tevalwa sa liema punt il-Pjattaforma kkontribwixxiet għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi tal-Pjattaforma u jekk kienx hemm progress lejn l-għan ġenerali. Dan ir-rapport se jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.